# Mattew Callus – It-2 Silta (p. 51 – 52)



**Silta mir-Rumanz Storiku Mattew Callus ta' Ġużè Muscat Azzopardi, b'addattament ta' Charles Casha, Klabb Kotba Maltin.**

L-għada filgħodu, ma' tlugħ ix-xemx, it-Tabib Callus sar jaf li Dallas kien qala' xebgħa minn żewġ Maltin imma ma kienx jaf x'kienet il-biċċa u għalhekk erħielha għall-Isla, biex jara x'kien ġralu l-ħabib tiegħu.

Gaspru Dallas, b'ħafna Kavallieri madwaru u bit-Tabib Axiaq ħdejh, li kien mibgħut biex idur bih mis-Sultan stess, kien mimdud fuq is-sodda mitluf minn sensih. Mattew resaq fuqu bil-ħlewwa biex jara jekk setax jagħmel xi ħaġa għalih.

"Imperia," beda jhewden Gaspru, xħin kien riesaq fuqu Mattew. "Jien inħobbok! Irridek li tkun tiegħi!"

Mattew tbikkem meta sema' dan il-kliem. Ma setax jemmen lilu nnifsu. Iżda Gaspru baqa' jhewden!

"Ħudu 'l Xara taħt idejkom... orbtu 'l Inguterra... lil Mattew ukoll! Eħilsuni minnhom darba għal dejjem!"

"Dan x'inhu jgħid?" għajjat Mattew.

Ħadd ma wieġbu ħlief it-Tabib Axiaq li qallu:

"Tagħtix kasu. Qiegħed jhewden bid-deni! Ma jafx x'inhu jgħid!"

Mattew Callus ħareg 'il barra mħawwad għall-aħħar għal dak il-kliem li kien qal Dallas fit-thewdin tiegħu. Fit-taraġ iltaqa' mal-Kavallier De Vernon li kien tiela' jilheġ u jgħajjat:

"Iftħu l-bieb, għax ġej is-Sultan."

"Is-Sultan stess jiġi biex jara 'l Gaspru!" ħaseb Mattew. "Il-Kavallieri deħlin u ħerġin, *donnhom f'darhom*! U hu kien jgħid li jobgħodhom u li jħobb lill-Maltin! U jien ma ndunajt b'xejn! *Ħadtha ma' ħbiebi*, saħansitra ma' Patri Ġann u ma' Imperia, biex niddefendih meta dawn ippruvaw *jiftħuli għajnejja*."

U baqa' ħiereg mitluf jixxengel bħal wieħed fis-sakra u ma jafx fejn sejjer.

**Kisbiet** - **Q2:** Nagħraf li ġeneri differenti ta' kitba għandhom funzjonijiet differenti u jinqdew b'reġistri differenti.
**T6:** Nitkellem fuq test letterarju billi niddiskuti t-ton/i użati mill-kittieb, il-lessiku u l-idjoma użati, u nispekula r-raġunijiet għalfejn naħseb li dawn intużaw u nagħti fehmti jekk l-effetti mixtieqa ntlaħqux jew le.

---

## Mistoqsijiet

1. Xi problema titfaċċa għall-protagonist tar-rumanz Mattew Callus f'din is-silta?

2. a) Kif ħassu Mattew quddiem din il-problema u kif irreaġixxa għaliha?

b) Taħseb li din ir-reazzjoni hija denja ta'/tixraq lill-mexxej bħalma kien it-Tabib Mattew Callus? Jekk le x'taħseb li kellha tkun ir-reazzjoni tiegħu?

3. Xi rwol taħseb li għandu l-karattru ta' Gaspru Dallas f'dan ir-rumanz u x'jissejjaħ dan l-irwol?

4. L-ewwel kliem li jisma' Mattew hekk kif joqrob lejn Gaspru kien isem Imperia u li jixtieqha tkun martu.

a) Min taħseb li kienet Imperia?

b) Għalfejn Mattew tbikkem meta sema' dan id-diskors?

5. Minn dak li jlissen fit-thewdin tiegħu, Gaspru jikxef il-karattru propja tiegħu. X'karatteristiċi u valuri nistgħu nosservaw li kellu Gaspru Dallas minn dak li jgħid? (Semmi tal-anqas **tnejn**.)

6. a) Għalfejn taħseb li l-awtur jassoċja dawn il-karatteristiċi negattivi mal-karattru ta' Gaspru Dallas li kien barrani?

______________________________

______________________________

b) X'kuntrast ried joħloq bejn dan il-karattru u dak ta' Mattew Callus?

______________________________

7) Minn din is-silta kemm tħoss li l-awtur jirnexxilu jilħaq l-għan tiegħu li jippreżenta lill-Maltin bħala awtentiċi waqt li lill-barranin bħala egoisti u diżonesti.

______________________________

______________________________

8) Taħseb li dak li jiġri f'dan il-kapitlu għandu effett fuq il-mod kif tiżvolġi l-istorja, speċjalment meta wieħed iqis li Mattew kien jafda lil Gaspru f'kollox?

______________________________

______________________________

9) Agħti t-tifsira ta' dawn l-idjomi mill-aħħar paragrafu kif użati f'din is-silta:

i) donnhom f'darhom: ______________________________

ii) ħadtha ma' ħbiebi: ______________________________

iii) jiftħuli għajnejja: ______________________________

10. Spjega x'effett iħalli l-użu ta' Malti idjomatiku f'test bħal dan? Kif seta' l-awtur iqarreb aktar il-Malti użat fir-rumanz mal-Malti użat fiż-żmien li fih isseħħ din l-istorja?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

11. Agħti titlu oriġinali lil din is-silta li jirrifletti l-kontenut tagħha.

______________________________